**29 ta' Mejju, 1985**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Carmelo Schembri, LL.D.- President**
**Onor. Hugh Harding, B.A., LL.D., F.S.A., F.R. Hist. S.**
**Onor. Carmelo A. Agius, B.A., LL.D.**

Giovanni Spiteri *et*

versus

Gianni Spiteri

**Bord tal-Qbiela - Artikolu 4 (2)(a) ta' l-Att XVI ta' l-1967; Ripresa ta' Raba';**

*L-eżami li jrid jagħmel il-Bord huwa dupliċi: jekk ir-raba' hux fonti importanti għall-għixien tal-kerrej u tal-familja tiegħu kif ukoll tal-hardship rispettiv. Ma jistax jingħad li l-kwistjoni tal-hardship għandha tiġi kkunsidrata biss meta r-raba' jkun font importanti għall-għixien tal-kerrej.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors quddiem il-Bord għall-Kontroll u Tiżin tal-Qbejjel għal Għawdex li bih ir-rikorrenti ppremettew illi huma jikru lill-intimat biċċa raba' magħrufa bħala "Ta' Ġulin" ta' ċirka erba' sigħan, fil-limiti tax-Xewkija, bil-qbiela ta' 16c7m (sittax-il ċenteżmu u seba' milleżmi) fis-sena li jitħallsu b'lura f'Santa Marija;

U peress illi huma għandhom bżonn dan ir-raba' għal skopijiet agrikoli;

Talbu li jiġu awtorizzati ma jġeddux il-lokazzjoni ta' l-imsemmija biċċa raba' u li jiġi llikwidat il-kumpens talvolta dovut lill-intimat skond il-liġi;

Rat ir-risposta ta' l-intimat fejn issottometta li:

(1) Ir-rikorrenti ma jaħdmux raba';

(2) Ir-raba' in kwistjoni hu fonti ta' għixien ta' l-intimat u membri tal-familja tiegħu qegħdin jaħdmu l-istess raba'; u li kieku t-talba tar-rikorrenti kellha tiġi milqugħa, il-*hardship* ta'

l-intimat ikun akbar ferm minn dak ir-rikorrenti;

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tat-2 ta' Novembru, 1983, li permezz tagħha dak l-istess Bord ċaħad it-talba tar-rikorrenti - spejjeż bla taxxa - wara li kkunsidra:

Illi r-rikorrenti ppreżentaw il-prospett tal-mezzi tagħhom li jinsab esebit *a folio* 6 tal-proċess Dokoment 'X'. Huma xehdu li r-raba' jriduh għal oħthom, ir-rikorrenta Dolora mart Giuseppe Saliba, mentri din xehdet li trid ir-raba' in kwistjoni għaż-żewġt it-tfal tagħha Francis Saliba, illum miżżewweġ u jaħdem mal-Gvern u għat-tifel l-ieħor Carmelo Saliba. Ir-rikorrenta Dolora Saliba qed tirċievi l-assistenza soċjali, u fejn toqgħod, hu mikri. Hi kellha xi raba' li kienet irċiviet mingħand missierha u mingħand l-intimat, li però hi qalbitu fuq it-tifel. Hi dawret ir-raba' fuq it-tifel fid-19 t'Awissu, 1981, wara li kien ġie ppreżentat ir-rikors odjern;

L-intimat *da parti* tiegħu ppreżenta il-prospett tal-mezzi tiegħu dokument 'A' *a folio* 5 tal-proċess;

Hu ddikjara li m'għandux flus il-bank, u li l-post fejn joqgħod qiegħed għandu b'ċens perpetwu. Apparti r-raba' in kwistjoni għandu raba' magħruf bħala 'Tal-Bajjada'. Hu *watchman* u għandu tlitt (3) itfal id-dar. Il-mara tiegħu mejta. Ir-raba' in kwistjoni jaħdimha t-tifel tiegħu, u hu jgħinu fiha. Għandhom xi bhejjem ukoll;

Illi meta wieħed iqis u jikkompara l-mezzi l-kostintenza tal-familja u l-bżonn tal-kontendenti, wieħed isib li għalkemm ma jistax jingħad li din ir-raba' hi fonti importanti ta' l-għixien ta' l-intimat, però jekk tiġi akkolta t-talba tar-rikorrenti, il-

*hardship* ta' l-intimat ser ikun akbar;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li appellaw minn dik id-deċiżjoni u talbu lill-din il-Qorti tirrevoka l-istess deċiżjoni u tilqa' t-talbiet tagħhom kif dedotti fir-rikors tagħhom quddiem l-imsemmi Bord, bl-ispejjes taż-żewġ istanzi kontra l-intimat appellat;

Rat ir-risposta ta' l-intimat appellat li ssottometta illi d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mir-rikors ta' l-appell l-appellanti qegħdin jibbażaw l-appell tagħhom fuq l-aggravju illi l-Bord ta interpretazzjoni skoretta tal-liġi *in kwantu* wasal għal konklużjoni li r-raba' in kwistjoni mhux fonti importanti għall-għixien ta' l-intimat u xorta waħda ċaħad it-talba tar-rikorrenti għar-ripreża ta' l-istess raba';

Skond l-appellant, "*una volta* li l-intimat ma rnexxilux jipprova li dan ir-raba' hu fonti importanti għall-għixien tiegħu..........il-Bord ma setax jiċħad it-talba tar-rikorrenti, iżda għall-kuntrarju kellu jilqagħha";

Fit-termini ta' l-artikolu 4(2) (a) ta' l-Atti XVI tal-1967, is-sid huwa intitolat jieħu lura l-pussess tar-raba' mikri lill-intimat jekk ikun jeħtieġ ir-raba' biex jiġi użat għal skopijiet

agrikoli minnu personalment jew minn xi membru tal-familja personalment għal perjodu ta' mhux anqas minn erba' snin konsekuttivi, b'dan però, illi din iċ-ċirkostantza ma tkunx raġuni biżżejjed biex tiġi milqugħa t-talba tas-sid li jieħu lura r-raba' jekk il-kerrej jipprova illi r-raba' in kwistjoni jkun fonti importanti ta' l-għixien tiegħu u tal-famiilja tiegħu u jekk il-Bord ikun sodisfatt illi l-kerrej ibati aktar minn sid il-kera jekk it-talba tas-sid tiġi milqugħa;

Kif ġie diversi drabi ritenut minn din il-Qorti, għalhekk, senjatament fis-sentenza tagħha tas-26 ta'Ottubru, 1983, *in re* "Joseph Aquilina *vs* George Camilleri" fit-termini tal-liġi, biex tkun tista' tiġi milqugħa t-talba tas-sid il-Bord, wara li jkun issodisfa ruħu li s-sid ikun irid ir-raba' biex jaħdmu hu jew xi membru tal-famija tiegħu personalment, kif diġà ntqal, jeħtieg li jeżamina u jiddeċidi jekk ir-raba' in kwistjoni jkun fonti importanti għall-għixien tal-kerrej u tal-familja tiegħu u min ikun ser ibati l-izjed bejn is-sid jew il-kerrej jekk it-talba tas-sid tiġi milqugħa jew miċħuda skond il-każ;

L-eżami li jrid jagħmel il-Bord, għalhekk, huwa dupliċi, cjoé jekk ir-raba' hux fonti importanti għall-għixien tal-kerrej u tal-familja tiegħu, kif intqal, kif ukoll il-kwistjoni tal- "*hardship*" rispettiv, u kwindi mhux korrett l-appellant meta jgħid li la darba l-Bord wasal fil-konkluzjoni li r-raba' in kwistjoni mhux fonti importanti għall-għixien ta' l-intimat il-Bord kellu necessarjament jilqa' t-talba tar-rikorrenti appellanti. M'hemmx għalfejn jingħad li l-kwistjoni jekk ir-raba' jkunx fonti importanti għall-għixien tal-kerrej għandha l-importanza tagħha u trid tiġi kkunsidrata fil-valutazzjoni tal- "*hardship*" rispettiv, iżda ma jistax jingħad li l-kwistjoni tal- "*hardship*" għandha tiġi kkunsidrata biss meta r-raba' jkun fonti importanti għall-għixien

tal-kerrej, kif isostni l-appellant;

Fil-każ in eżami, il-Bord wasal fil-konklużjoni li, għalkemm ir-raba' in kwistjoni (tal-kejl ta'ċirka erbgħa sigħan) mhux fonti importanti għall-għixien ta' l-intimat, però jekk tiġi milqugħa t-talba tar-rikorrenti l-"*hardship*" ta' l-intimat se jkun akbar;

Għalkemm mill-ittra Dok."Z" *a fol.* 22 jidher li r-rikorrenti appellanti kienu talbu r-ripresa tal-pussess ta' dan ir-raba' biex jaqsmu l-istess raba' bejniethom, fir-rikors tagħhom quddien il-Bord jgħidu li għandhom bżonn dan ir-raba' għax iriduh għal skopijiet agrikoli, u fil-kors tal-proċeduri quddiem il-Bord irriżulta li r-raba' jriduh għat-tfal tar-rikorrenti Dolora Saliba;

Fil-valutazzjoni tal- "*hardship*" il-Qorti ovvjament tagħti piż konsiderevoli lill-grad ta' bżonn li wieħed ikollu għar-raba', u meta tikkonsidra l-bżonn kif jemerġi mid-deposizzjonijiet ta' l-imsemmija rikorrenti Saliba li tipparagunah mal-bżonn għall-istess raba' ta' l-intimati, issib li ma tistax ma taqbilx mal-konklużżjoni li wasal għaliha l-Bord;

Għal dawn il-mottivi, għalhekk, tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżżjoni appellata. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu biss taxxa bejn il-partijiet.